MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 633/1997/1

Professur Joseph Leslie Pace
vs
Professur Roger Ellul Micallef bhala Rettur u in rapprezentanza ta’ l-Universita` ta’ Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-disgha (9) ta’ Mejju 1987 u l-hmistax (15) ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ l-1987, l-1988 u l-1989 huwa kien sofra ingustizzja f’li ma giex "re-instated" bhala Kap tad-Dipartiment tal-Anatomija fi hdan il-Fakulta` tal-Medicina ta’ l-Universita` ta’ Malta.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent, wara li kien gia appuntat Kap tad-Dipartiment ta’ l-Anatomija fl-Universita` ta’ Malta sakemm jirtira, talab illi jigi "re-instated" bhala Kap ta’ l-istess dipartiment. Ir-

rikorrent kien ghamel din it-talba ferm qabel il-hamsa (5) ta’ Settembru tal-1988 (id-data li fiha kien gie fis-sehh l-Att dwar l-Edukazzjoni tal-1988) permezz ta’ korrespondenza in segwitu ta’ cirkolari mahruga mill-Assocjazzjoni Medika (MAM) tas-26 ta’ Gunju 1987 (Dok A) u zewg ittri tad-dsatax (19) ta’ Mejju u tat-tlieta (3) ta’ Settembru 1988 lill-President tal-Kunsill ta’ l-Universita` (Dok B u Dok C rispettivament).

Fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tal-1987 (Dok D), ir-Rettur ta’ l-Universita`, il-Professur Peter Serracino Inglott, kien informa lir-rikorrent illi fil-laqgha tal-Kunsill ta’ l-Universita` skedata ghas-sitta (6) ta’ Ottubru 1987 l-istess Rettur kien sejjer jipproponi ir-"re-instatement" tar-rikorrent bhala Kap tad-Dipartiment ta’ l-Anatomija. Ir-rikorrent, permezz ta’ ittra datata disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru 1987 (Dok E) kien wiegeb illi huwa kien sejjer jaccetta din in-nomina. Permezz ta’ "telex" tal-erbatax (14) ta’ Ottubru tal-1987 (Dok. F), l-istess Rettur kien informa lir-rikorrent illi l-Kunsill kien approva r-"re-instatement" tar-rikorrent.

Permezz ta’ ittra tat-tmintax (18) ta’ Dicembru 1987 (Dok G), ir-Rettur Professur Peter Serracino Inglott kien informa lir-rikorrent illi l-Kunsill kien approva r-re-instatement tar-rikorrent bhala Professur ta’ l-Anatomija, u mhux bhala Kap tad-Dipartiment.
It-talbiet li saru mir-rikorrent lill-President tal-Kunsill fid-dsatax (19) ta’ Mejju tal-1988 (Dok B) u fit-tlieta (3) ta’ Settembru 1988 (Dok C) kienu nghataw twegiba fl-ghaxra (10) ta’ Marzu 1989 (Dok H), u cioe` wara illi l-Att XXIV tal-1988 dwar l-Edukazzjoni kien diga` gie fis-sehh.

Ta’ min josserva illi kollegi tar-rikorrent fil-Fakulta` tal-Medicina, fosthom il-Professur Frederick Fenech u Professur William Bannister, kienu gew awtomatikament "re-instated" bhala Kapijiet ta’ Dipartiment.

Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent kien sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa kien gie mcahhad mill-kariga ta’ Kap tad-Dipartiment ta’ l-Anatomija, kariga li kien diga` jokkupa u li kienet regghet

giet moghtija lilu mill-Kunsill ta’ l-Universita` fit-tlettax (13) ta’ Ottubru 1987.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-kariga ta’ Kap tad-Dipartiment ta’ l-Anatomija fi hdan il-Fakulta` tal-Medicina ta’ l-Universita` ta’ Malta b’effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-kariga u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5,000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Professur Roger Ellul Micallef bhala Rettur u in rapprezentanza ta’ l-Universita` ta’ Malta li eccepixxa:

Illi l-intimat jopponi ruhu ghat-talba tal-Professur Joseph Leslie Pace kif kontenuta fir-rikors tieghu fuq imsemmi u dan billi ma giet mill-Universita` kommessa mieghu l-ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni.

Illi ghalkemm huwa minnu li Professur Joseph Leslie Pace kien applika sabiex jerga’ jigi "re-instated" bhala Kap tad-Dipartiment ta’ l-Anatomija kif jghid fir-rikors tieghu huwa in vista ta’ l-emendi legislattivi li saru fl-att dwar l-Edukazzjoni seta’ biss jigi "re-instated" fil-posizzjoni ta’ Professur ta’ l-Anatomija u mhux f’dik ta’ Kap tad-Dipartiment. Il-posizzjoni ta’ Kap tad-Dipartiment kienet bl-istess ligi saret wahda selettiva u ghalhekk fir-rigward

ma kienet giet kommessa mieghu l-ebda ingustizzja kif minnu allegat.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta li t-talba tar-rikorrent mhix gustifikata u ghandha tigi michuda.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Mar-rikors tieghu zied li fit-30 ta' Gunju 1987 kien kiteb lis-CGMO fejn talbu r-reply ta' 2 circular tal-MAM circular. Semma li hu ried jigi re-instated bhala Head of Department b'risposta ta' l-MAM circular. Qal li ma kellu ebda risposta ghal dik l-ittra. Semma li z-zewg ittri li kien kiteb lill-President tal-Kunsill ta' l-Universita` kien ircieva r-risposti taghhom mill-Professur Borg Costanzi ghaxar xhur u sitt xhur wara. Dan kien wara li l-emendi ta' l-Education Act kienu gew enforzati. It-telex li kien ircieva minghand il-Professur Serracino Inglott li kien gie re-instated kien irceviha qabel ma l-emendi tal-Education Act gew in force. Anke l-ittra tal-Professur Serracino Inglott tat-18 ta' Dicembru 1987 kien irceviha qabel ma l-emendi tal-Education Act gew enforced. Semma li hu biss kien baqa' barra filwaqt li l-kollegi tieghu, fosthom il-Professur Frederick Fenech u l-Professur William Bannister, kollha kienu gew re-instated.

Semma li meta rcieva t-telex dwar ir-re-instatement tieghu, hu ta n-notice fix-xoghol li kellu fis-Saudia Arabia fejn kien Professur tal-Anatomija, f'King Faisal University u meta gie lura Malta baqa' sena u nofs bla xoghol. Semma wkoll li dik is-sena u nofs li ghamel ma jahdimx effettwatlu wkoll il-pensjoni tieghu. Ir-raguni ghalfejn inbidlet id-decizjoni ta' re-instatment tieghu kienet

minhabba l-emendi ta’ l-Education Act li kienu saru, hu ma setax jigi automatically re-instated. Qal izda li l-emendi ta’ l-Education Act kienu saru wara li kien gie re-instated. Qal li r-rettur ta’ l-Universita`, il-Professur Serracino Inglott kien lehaq tbiddel u minfloku kien lehaq Professur Borg Costanzi. Ir-rikorrent kien issuspetta li dan ta’ l-ahhar ma riedux hemmhekk.

Xehdet Eve Pace li semmiet li f’Settembru 1987 kienet sejra s-Saudi Arabia fejn ir-ragel taghha, ir-rikorrent, meta kien mar Fr. Peter Seracino Inglott u ta ‘by hand’ ittra biex taghtiha lir-rikorrent. F’dik l-ittra kien hemm imnizzel illi huwa kien sejjer jigi appuntat Head of Department. Semmiet li l-ittra fethitha meta marret is-Saudi Arabia fejn hi u r-rikorrent qrawha flimkien u hekk kien imnizzel.

Xehed Fr. Peter Serracino Inglott li semma li fl-1987 meta sar Rettur kien ircieva ittra minghand ir-rikorrent fejn talbu biex jerga’ jigi re-instated. Semma li fl-ewwel laqgha tal-Kunsill, kienu tressqu t-talbiet ghar-re-instatement tal-Professur Frederick Fenech u ta’ William Bannister u dawn kienu ntlaqghu mill-ewwel. Imbaghad kienu ressqu dik tal-Professur Jaccarini u dik ma ntlaqghatx. Semma li kien hemm kwistjoni u argumenti dwar jekk persuna li se tigi re-instated hux ser tigi re-instated fil-post li kien qabel. Dan minhabba li certu fakoltajiet ma baqghux l-istess, fejn fosthom kien hemm id-Dipartiment ta’ l-Anatomija fejn kien gie abolit u li tieghu qabel kien Head ir-rikorrent. Il-Kunsill iddecieda li qabel ma jsiru r-re-instatements jaraw x’kienet il-policy tal-Gvern f’dak ir-rigward u ghalhekk ma pprocedewx bir-requests tar-re-instatements.

Semma li wara dik il-laqgha kien ivverifika mal-Gvern biex jara x’kienet il-procedura dwar dik il-kwistjoni, u d-direzzjoni tal-Gvern kienet li min kien ser jigi re-instated ma jigix re-instated kif kien qabel fix-xoghol izda seta’ jkun fix-xoghol li jkun akkwista matul iz-zmien jew inkella skond il-bzonnijiet godda ta’ l-Universita`. Qal li kellu jkun hemm xi tibdil fl-istatut. Xi tibdil li kellu jsir kien li wiehed seta’ jilhaq Professur minghajr ma jkun precedentement Head of Department u li l-Head of Department jigi appuntat mill-Kunsill ta’ l-Universita` wara li jkun sema’ lill-Membri tad-

Dipartiment. Il-Gvern kien qalilhom biex ma joholqux Heads of Department ghal ghomorhom, izda ghal numru ta' snin. Anzi mhux bhala Head of Department izda bhala Acting. Qal li l-Kunsill kien iddecieda li r-rikorrent jigi re-instated bhala Professur ta' l-Anatomija, izda d-Dipartiment ta' l-Anatomija ma kienx ghadu jezisti u ghalhekk ma kienx hemm l-iskop li jigi appuntat bhala Head of Department. Fir-re-instatements qatt ma gie appointed Head of Department mhux f'dik is-sezzjoni biss.

Semma li fit-telex hu pprova jispjega illi r-rikorrent kien qed jigi re-instated bhala Professur ta' l-Anatomija u mhux bhala Head of Department. Qal li r-rikorrent kellu diffikulta` biex jigi immedjatament minhabba li fl-Universita` fejn kien qed jghallem kellu kuntratt ghal numru ta' snin. Sa kemm dam Rettur l-affarjiet hekk baqghu. Semma li hu kien dam sena biss Rettur u warajh kien dahal il-Profs Borg Costanzi li kompla jipprocedi hu. Hu ma ftakarx li qamet xi kwistjoni dwar l-accettazzjoni tar-rikorrent bhala Professur, mhux bhala Head of Department.

Semma li jaf li r-rikorrent kien kiteb lill-Professur Borg Costanzi. Qal li l-ligi dahlet ftit qabel ma lahaq Rettur il-Professur Borg Costanzi. Fir-rigward tal-Professur Frederick Fenech u l-Professur William Bannister qal li re-instatement taghhom kienu gew diskussi minn ta' l-ewwel u kienu gew approvati u dan minhabba li min kien hemm fil-kariga, din kienet ser tiskadi u ma kenitx ser tigi mgedda u li l-kariga taghhom kienet tiddependi mill-Prim Ministru. Ghalhekk kien hemm bzonn li jkun hemm xi hadd li jiehu it-tregija tad-Dipartiment immedjatament, u kienu gew mahtura fihom dawn iz-zewg professuri. Cahad li l-kollegi kollha tar-rikorrent kienu gew re-instated ghax il-Professur Jaccarini mhux talli ma giex re-instated talli kienet qamet kwistjoni shiha dwar dak is-suggett. Dak ma kienx l-uniku kaz u semma wkoll li l-anqas il-professur ta' l-Obstetrics qatt ma mar lura.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent hu illi ppretenda li jigi re-instated fl-Universita` ta' Malta kemm bhala Professur kif ukoll bhala

Kap tad-Dipartiment ta' l-Atonomija waqt li minn naha taghha l-Universita` sostniet li ma tistax taghmel dan minhabba l-emendi legislattivi li saru fl-Att dwar l-Edukazzjoni li kienu jippermettu r-re-instatment tar-rikorrent bhala Professur ta' l-Anotomija izda mhux f'dik ta' Kap tad-Dipartiment.

Ir-rikorrent kien fl-antik gie appuntat Kap tad-Dipartiment ta' l-Anotomija fl-Universita` ta' Malta sakemm jirtira. In segwitu inqalghet tilwima bejn il-Gvern u MAM. Fil-ftehim bejn il-MAM u l-Gvern kien jinghad li t-tobba kollha li tilfu l-impieg taghhom mal-Gvern u ma' l-Universita` bhala rizultat tat-tilwima kellhom id-dritt ghal "full re-instatement" u kellhom jinfurmaw dwar dan. Ir-rikorrent talab ir-re-instatement ferm qabel id-data li fiha gie fis-sehh l-Att dwar l-Edukazzjoni ta' l-1988 (u cioe` l-5 ta' Settembru 1988). Ic-cirkolari tal-MAM kienet taghmel referenza ghal ftehim milhuq mal-Gvern fejn dwar re-instatement kien gie stipulat li l-Gvern ta' Malta u fejn applikabbli l-awtoritajiet ta' l-Universita` sejrin jaghmlu r-re-instatement ta' dawk it-tobba li tilfu x-xoghol taghhom basta jinfurmaw l-interess taghhom u jibdew jahdmu fi zmien sitt xhur. Ir-rikorrent sostna li ghalhekk hu kellu kull dritt ghal re-instatement fil-kariga mhux biss ta' Professur ta' l-Atonomija izda wkoll bhala Kap tad-Dipartiment. Il-Professur Serracino Inglott fl-24 ta' Settembru 1987 kien kiteb lir-rikorrent fejn infurmah li "I would be proposing your re-instatement as Head of the Department of Atonomy in the facutly of medicine" (ara fol 12 tal-process). B'din il-Professur Serracino Inglott kien qieghed jipprova jipprovdi ghar-re-instatement tar-rikorrent bhala Kap tad-Dipartiment ta' l-Anatomija liema kariga r-rikorrent kien jokkupa precedentement u dan anke in segwitu tal-ftehim milhuq bejn il-MAM u l-Gvern. Ir-rikorrent kien informa lill-Universita` li hu kien sejjer jaccetta tali nomina (ara fol 13b) u fl-14 ta' Ottubru 1987 (fol 14) il-Professur Serracino Inglott bhala Rettur ta' l-Universita` baghat telex lir-rikorrent fejn qallu "yesterday 13$^{th}$ October, council approved your re-instatement". F'dak iz-zmien l-emendi ta' l-Education Act kienu ghadhom ma dahlux. L-Universita` sostniet li t-telex imsemmija kienet tipprovdi ghal re-instatement ta' Professur u mhux ta' Kap ta'

Dipartiment. Ir-rikorrent semma li in segwitu ta' l-imsemmija telex hu kien ta n-notice tat-terminazzjoni tax-xoghol fis-Saudi Arabia u kawza ta' dan baqa' minghajr impieg ghal madwar sena u nofs. Fit-18 ta' Dicembru 1987 il-Professur Serracino Inglott informa lir-rikorrent li l-Kunsill ta' l-Universita` kien approva r-re-instatement tieghu bhala l-Professur ta' l-Anotomija u mhux bhala Kap ta' Dipartiment.

Irrizulta fil-kors tal-kawza li kollegi tar-rikorrent fil-fakolta` tal-medicina fosthom il-Professur Frederick Fenech u l-Professur William Bannister gew awtomatikament re-instated bhala Kapijiet ta' Dipartiment. L-Universita` sostniet li l-post ta' Kap ta' Dipartiment ta' l-Anatomija li r-rikorrent kien Kap tieghu fil-passat kien gie abolit u li jekk id-Dipartiment kien gie abolit ma jistax ikollu kap. L-Universita` sostniet li hi kellha tivverifika min-naha tal-Gvern x'kienet il-procedura dwar policies u kienet anke kellmet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iz-zmien. Kellha direzzjoni minghand il-Gvern biex ma tiehu ebda pass li jista' jmur kontra l-ligi li kienet sejra tidhol fis-sehh u kien proprju abbazi ta' dan li ma gietx offruta l-kariga ta' Kap ta' Dipartiment ta' l-Anatomija lir-rikorrent.

Illi t-Tribunal ihoss li r-rikorrent gie milqut ingustament minhabba l-fatt illi ghalkemm persuni ohra bhal Professur Frederick Fenech u l-Professur William Bannister gew re-instated totalment inkluz bhala Kap tad-Dipartiment fi zmien meta l-Att dwar l-Edukazzjoni kien ghadu mhux fis-sehh, il-proceduri dwar ir-rikorrent ittawlu ghal zmien twil ghalkemm hu kien applika fi zmien li suppost u b'hekk lahaq dahal fis-sehh l-Att dwar l-Edukazzjoni li kawza tieghu r-rikorrent ma setax aktar jiehu l-post ta' Kap ta' Dipartiment li kien intitolat ghalih daqs il-Professuri Fenech u Bannister qabel ma l-imsemmi Att dahal fis-sehh. Kawza ta' dan l-agir ta' l-Universita` (li dan it-Tribunal jifhem ghaliex imxiet b'dan il-mod minhabba li kellha direttivi mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni) ir-rikorrent bata' ingustament billi ma hax dak li xtaq u li kellu jedd ghalih dak iz-zmien barra milli tilef finanzjarjament specjalment meta rrizenja mill-Universita` tas-Saudi Arabia u tilef flus ghal xi sena u nofs. Izda t-Tribunal

ghalkemm jifhem il-posizzjoni ta’ l-intimat, ma jistax certament jaghtih il-kariga ta’ Kap tad-Dipartiment minn meta kien intitolat ghaliha kif talab fir-rikors minhabba li jekk jaghmel dan ikun qieghed jimxi kontra l-ligi u cioe` l-Att dwar l-Edukazzjoni. Izda xorta wahda jinkombi fuqu li jipprovdi ghal kumpens finanzjarju. Ghal motivi fuq imsemmija t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat relattivament ghal l-ingustizzja kkawzata fuq ir-rikorrent relattivament ghal kumpens ghalkemm jilqa’ l-eccezzjoni tar-Rettur ta’ l-Universita` relattivament ghall-impossibilta` tal-hatra retroattiva tar-rikorrent bhala Kap tad-Dipartiment.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltin [LM4500].

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------